MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2012

Numru. 73/2010

**Il-Pulizija
(Spt. Josric Mifsud)**

**vs.**

**Marco Debono
Josepha Debono**

**Kaz Nru. 73/2010**

**Illum, 24 ta' April 2012**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Marco Debono**, bin Joseph u Maria nee' Carnemolla, imwieled fis-27 ta' Gunju 1981, residenti "Amethyst", Triq in-Neolitici, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru

23381(G) u **Josepha Debono**, mart Marco u bint Carmel Xerri u Mary Cauchi, imwielda fl-4 ta' Marzu 1983 u residenti "Amethyst", Triq in-Neolitici, Rabat, Ghawdex u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 8683(G), akkuzati talli nhar is-17 ta' Ottubru 2009 u anki fiz-zminijiet ta' qabel din id-data fil-fond adjacenti mar-residenza "Amethyst", Triq in-Neolitici, Rabat, Ghawdex:

1. Minghajr licenzja ta' l-awtorita' sanitarja illi tiswa mhux aktar minn sena zammew f'dan il-fond ziemel;

2.
ziemel fil-pussess taghhom u jghidu fejn qeghdin izommuh u dan bi ksur tar-Regolament 23 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.07.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika Artikolu 321 tal-Kapitolu 10.

Rat l-atti processwali kollha.

Rat li l-imputati ghazlu li ma jixhdux u li ma ressqu l-ebda provi.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati jirrigwardaw zamma ta' ziemel u affarijiet konnessi ma' din iz-zamma.

B'riferenza ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati, il-Qorti tibda billi taghmel riferenza ghall-affidavit redatt minn PS 369 Joseph Mizzi, liema affidavit gie pprezentat fl-atti ta' dawn il-proceduri fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2011. F'dan l-affidavit, PS 369 Joseph Mizzi jghid hekk:

"Nghid li l-persuna Marco Debono ID. 23381G m'ghandu l-ebda ziemel irregistrat mal-Pulizija".

Minkejja dan, il-Qorti taghmel riferenza ghall-verbal redatt fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2012 fejn inghad hekk:

“Id-difiza talbet sabiex jittella rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija in kontro-ezami sabiex jigi iccarat jekk jezistix registru li fih jigu registrati bhejjem bhaz-zwiemel.

Dr. Kevan Azzopardi jiddikjara illi fil-15 ta’ Gunju 2010 kien xehed is-Surgent bin-numru 1346 Anton Schembri li kien spjega l-investigazzjoni li kien ghamel dwar dan il-kaz u li skond hu ma kienx jezisti registru li fih jigu registrati zwiemel mal-oghla ufficjal tal-Pulizija.

In vista ta’ din id-dikjarazzjoni Dr. Anton Refalo jiddikjara li qed jaqbel ma’ dak dikjarat minn Dr. Kevan Azzopardi u jiddikjara li m’ghandux aktar provi xi jressaq u qed jaghlaq il-provi tieghu”.

Illi, apparti dan, meta Joseph Borg, Principal Health Inspector, xehed fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2012, huwa wiegeb li huma, bhala Awtorita’ Sanitarja f’Ghawdex, qatt ma kellhom *records* ta’ zamma ta’ zwiemel. Jghid ukoll li m’ghandux idea jekk ghadx hemm obbligu li zwiemel jigu registrati.

Illi, in vista ta’ dan, in vista tal-fatt li ma jezisti l-ebda registru u in vista tal-fatt li ma tressqitx prova sodisfacenti mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati, kif tista’ il-Prosekuzzjoni tippretendi li l-imputati jinstabu hatja ta’ dawn l-imputazzjonijiet?

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputati mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------